MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 617/2007

**Malta Enterprise Corporation**

**vs**

**AC Cars Manufacturing Limited**
**(C – 30159)**
**U b'digriet datat is-27 ta' Frar, 2013, is-socjeta` intimata biddlet isimha f'Halfar Auto Manufacturing Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-4 ta' Gunju, 2007, li permezz tieghu l-korporazzjoni rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi b'kuntratt pubbliku ta' self in atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef datat it-22 ta' Gunju, 2004, il-Korporazzjoni rikorrenti sellfet lis-socjeta` intimata l-

ammont ta’ mitejn u hamsin elf Lira Maltin, (LM250,000.00);

2. Illi l-imsemmi kuntratt ta’ self riferit fil-paragrafu precedenti jirregola l-process ta’ ri-pagament da parti tas-socjeta` intimata, flimkien mal-imghaxijiet relattivi;

3. Illi s-socjeta` intimata naqset li thallas l-iskadenzi nvoluti;

4. Illi dan in-nuqqas jikkostitwixxi ksur tal-kuntratt fuq riferit u ghalhekk, l-ammont ta’ self involut gie issa dovut mis-socjeta` intimata fl-intier tieghu;

5. Illi *nonostante* li nterpellata diversi drabi ghall-pagament minnha dovut, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

6. Illi ghaldaqstant il-korporazzjoni rikorrenti aderiet lil din il-qorti biex tghid ghaliex din m’ghandhiex:

i. Tiddeciedi u tiddikjara li l-ammont ta’ mitejn u hamsin elf Lira Maltin, (LM250,000.00), hu dovut mis-socjeta` intimata lill-Korporazzjoni rikorrenti skont il-kuntratt fuq riferit;

ii. Tikkundanna lis-socjeta` ntimata biex fi zmien qasir u perentorju thallas lill-Korporazzjoni *de quo* l-ammont hekk dovut fl-intier tieghu;

iii. Bl-ispejjez kif indikati fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-imsemmija socjeta` intimata;

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` intimata datata d-9 ta’ Lulju, 2007, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi mhux jigi kkontestat li gie ffirmat il-kuntratt ta’ self in dizamina;

2. Illi pero` dan kien element wiehed minn ftehim aktar wiesgha u dettaljat bejn il-kontendenti odjerni;

3. Illi s-self *de quo* kien regolat b' "*letter of intent*" u b'kondizzjonijiet ohra li kienu jew setghu gew notifikati mill-korporazzjoni rikorrenti lis-socjeta` intimata;

4. Illi l-korporazzjoni rikorrenti kkommettiet nuqqasijiet sostanzjali fil-konfront tas-socjeta` intimata billi:

i. Naqset tipprovdi fond adegwat lis-socjeta` intimata ghall-produzzjoni ta' vetturi;

ii. Naqset milli teffettwa xoghlijiet u tiswijiet fil-fabbrika assenjata lis-socjeta` intimata biex din tibda u tizviluppa l-progett riferit fil-ftehim fuq indikat;

5. Illi b'rizultat ta' dawn in-nuqqasijiet is-socjeta` intimata soffriet danni sostanzjali li qed tirrikjama;

6. Illi ghalhekk is-socjeta` intimata ma kinitx f'pozizzjoni tizviluppa n-negozju li ghalih sar il-ftehim ta' self in dizamina;

7. Illi ghalhekk l-ammont pretiz mill-korporazzjoni rikorrenti ghandu jintnaqqas b'dik is-somma likwidata mill-qorti *a tenur* tat-talba rikonvenzjonali *su* riferita;

Rat il-kontro-talba tas-socjeta` ntimata datata wkoll id-9 ta' Lulju, 2007, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi fl-2002 is-socjeta` ntimata dahlet f'negozju mal-korporazzjoni rikorrenti biex tibda topera n-negozju tal-assemblagg u armar ta' vetturi specjalizzati;

2. Illi l-korporazzjoni rikorrenti laqghet il-proposti tas-socjeta` intimata u ghalhekk intlahaq ftehim biex il-korporazzjoni rikorrenti tipprovdi fondi ghan-negozju tas-socjeta` intimata;

3. Illi l-korporazzjoni rikorrenti ipprovdiet lis-socjeta` intimata bil-fond minnha indikat f'Hal Far li ghalih is-socjeta` *de quo* hallset depozitu ta' sebat elef, hames mija u hamsa u sebghin Lira Maltin, (LM7,575.00), akkont ghall-kera pattwita;

4. Illi fil-mument tal-konsenja tac-cwievet il-fabbrika hekk offerta ma kinitx tajba u kellha diversi problemi fosthom anke strutturali li kienu jirrenduha perikoluza u mhux tal-*istandards* sanitarji u ta' sigurta` fuq il-post tax-xoghol;

5. Illi in effetti l-istess fabbrika ma kinitx tajba ghall-uzu dezinjat;

6. Illi konsegwenza tal-istess, is-socjeta` intimata sofriet danni konsiderevoli fin-negozju taghha, inkluz telf finanzjarju kospikwu;

7. Illi s-socjeta` intimata infurmat lill-korporazzjoni rikorrenti b'dawn in-nuqqasijiet biex jigu minnha indirizzati u talbet li jsiru x-xoghlijiet u riparazzjonijiet indikati b'mod immedjat biex tkun tista' tkompli bin-negozju taghha skont il-ftehim;

8. Illi *nonostante* diversi laqghat u ammissjonijiet da parti tal-korporazzjoni rikorrenti irrizulta li kien hemm dewmien kbir u bosta xoghlijiet ghadhom mhux kompletati;

9. Illi konsegwenza ta' dan, is-socjeta` intimata ghadha mhux f'pozizzjoni li topera kif ippjanat;

10. Illi ghalhekk ghandha ssir tpacija bejn id-danni minnha sofferti u l-kreditu li l-korporazzjoni rikorrenti qed tippretendi, u dan, *ai termini* tal-artikolu 396 (a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

11. Illi konsegwentement qed taderixxi din il-qorti biex:

i. Tiddikjara w tiddeciedi li l-Korporazzjoni rikonvenzjonata ma adempietx l-obbligi kuntrattwali taghha fil-konfront tas-socjeta` intimata;

ii. Tiddikjara u tiddeciedi li bhala konsegwenza diretta tan-nuqqas tal-korporazzjoni rikorrenti, is-socjeta` intimata sofriet danni materjali;

iii. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` intimata rikonvenzjonanti, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

iv. Tordna li ssir tpacija bejn kwalunkwe somma li s-socjeta` intimata tista' tigi kkundannata thallas lill-korporazzjoni rikorrenti u dik li talvolta tista' tigi likwidata favur is-socjeta` intimata ghad-danni minnha sofferti minhabba l-inadempjenzi tal-korporazzjoni rikorrenti fil-konfront taghha;

v. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-korporazzjoni rikorrenti rikonvenzjonata;

Rat ir-risposta guramentata tal-korporazzjoni rikonvenzjonata fuq riferita datata s-7 t'Awwissu, 2007, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi l-azzjoni tas-socjeta` rikonvenzjonanti hi irritwali u mhix konformi mal-artikolu 400 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi t-talba rikonvenzjonali hi irritwali *stante* li l-korporazzjoni rikonvenzjonata ma krietx lis-socjeta` intimata l-fond in kwistjoni u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata rikonvenzjonanti;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-7 ta' Frar, 2008, li permezz taghha ordnat li l-kawza tithalla ghall-provi tal-korporazzjoni attrici rikonvenzjonata dwar l-ewwel eccezzjoni taghha, (ara fol 44);

Rat id-digriet tal-istess qorti diversament preseduta datat l-20 ta’ Mejju, 2008, li permezz tieghu hatret lill-abbli avukat hemm indikata biex tisma’ l-provi kollha li kien ghad fadal fil-kawza odjerna, (ara fol 50);

Rat ukoll il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-korporazzjoni rikorrenti rikonvenzjonata datat l-20 ta’ Mejju, 2008, li permezz tieghu informa lill-qorti li kien ser jipprezenta nota ta’ sottomissjonijiet dwar l-ewwel eccezzjoni minnha ipprezentata, (ara fol 50);

Rat id-digriet ulterjuri taghha diversament preseduta datat l-4 ta’ Marzu, 2009, li permezz tieghu issospendiet l-inkarigu precedentement moghti lill-assistent gudizzjarju fuq gia` riferit, (ara fol 73);

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-korporazzjoni intimata datata s-16 ta’ Settembru, 2008, (ara fol 53 sa 56), kif ukoll in-nota reciproka tas-socjeta` intimata datata l-15 t’April, 2009, (ara fol 76-78);

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-4 ta’ Gunju, 2009, li permezz tieghu l-kawza kienet differita ghas-sentenza preliminari rigwardanti l-ewwel eccezzjoni ghall-kontro-talba, (ara fol 81);

Rat is-sentenza taghha diversament preseduta datata l-25 ta’ Novembru, 2010, fejn permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, laqghet l-eccezzjoni tal-korporazzjoni rikorrenti u ddikjarat il-kontro-talba irritwali *stante* li mhix konformi mal-ligi u konsegwentement illiberat lill-istess korporazzjoni rikorrenti rikonvenzjonata mit-talbiet kollha maghmula fl-istess kontro-talba u li *di piu`*, ordnat il-prosegwiment tas-smiegh tal-provi fuq il-meritu, bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat il-25 ta’ Novembru, 2010, li permezz taghha ordnat lill-assistent gudizzjarju hemm indikata biex tkompli bis-smiegh tal-provi, (ara fol 93);

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tas-socjeta` intimata datat it-22 ta’ Frar, 2012, li permezz tieghu infurmat lill-qorti li rrinunzjat ghall-patrocinju tal-istess socjeta`, (ara fol 124);

Rat il-verbal datat is-17 ta’ Mejju, 2012, li permezz tieghu l-qorti kif preseduta giet infurmata li l-abbli rapprezentanti legali hemm indikati assumew il-patrocinju tas-socjeta` intimata, (ara fol 125);

Rat in-nota tal-abbli rapprezentanti legali indikati fil-paragrafu precedenti datata t-23 ta’ Mejju, 2013, li permezz tieghu irrinunzjaw ghall-patrocinju tal-istess socjeta` intimata;

Rat ukoll id-digriet taghha datat it-23 ta’ Mejju, 2013, li permezz tieghu awtorizzat lill-partijiet jipprezentaw nota ta’ sottomissjonijiet sat-terminu hemm indikat, (ara fol 143);

Ezaminat ix-xhieda prodotta;

Semghet ix-xhieda pprezentati quddiemha kif preseduta;

Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi tirrileva li ghalkemm is-socjeta` ntimata kellha diversi opportunitajiet tul dawn is-snin tal-procedura biex tressaq il-pozizzjoni taghha quddiem din il-qorti, din dejjem naqset li taghmel dan;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-meritu tal-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi fis-27 t’Ottubru, 2003, is-socjeta` ntimata kienet inoltrat talba ghal ghajnuna finanzjarja ghal xiri ta’

makkinarju u apparat ghall-produzzjoni u assemblagg ta' karozzi f'Malta;

2. Illi din it-talba kienet accettata mill-korporazzjoni rikorrenti fil-11 ta' Marzu, 2004;

3. Illi fit-22 ta' Gunju, 2004, gie konkluz kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef li permezz tieghu inghata self ta' mitejn u hamsin elf Lira Maltin, (LM250,000.00), lis-socjeta` intimata;

4. Illi l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti kien gie regolarment trasferit lis-socjeta` intimata fit-8 ta' Lulju, 2004;

5. Illi l-iskema ta' ripagament tal-ammont hekk misluf lis-socjeta` intimata tistipula li dan kellu jigi effettwat mill-istess socjeta` lill-korporazzjoni *de quo* fi tmien (8) pagamenti ta' wiehed u tletin elf, mitejn u hamsin Lira Maltin, (LM31,250.00), kull wiehed, f'zewg (2) pagamenti fis-sena, bl-ewwel pagament kellu jigi effettwat sat-30 ta' Settembru, 2005, u b'moratorja ta' sena;

6. Illi kemm –il darba s-socjeta` tonqos li tadempixxi ruhha ma' l-imsemmi metodu ta' ripagament, dan *ipso facto* – minnu nnifsu – jirrendi l-ammont ta' self rimanenti kollu ripagabbli fuq *mera* talba tal-korporazzjoni *de quo*, flimkien mal-interessi dovuti;

7. Illi stante li s-socjeta` intimata lanqas biss onorat l-ewwel pagament minnha dovut sa Settembru, 2005, kif fuq indikat, bi qbil bejn il-partijiet l-ewwel pagament gie estiz b'sitt (6) xhur, sa Marzu, 2006;

8. Illi *nonostante cio`*, l-ebda ripagament, lanqas ta' interessi, ma gie effettwat mis-socjeta` intimata, minkejja l-agevolazzjoni fuq riferita;

9. Illi *nonostante* li giet interpellata diversi drabi biex thallas l-ammonti minnha dovuti, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tal-*iter* fattwali fuq riferit li bl-ebda mod ma gie kontradett mis-socjeta` intimata, din il-qorti hi sodisfatta li l-korporazzjoni intimata ipprovat il-kaz taghha skont il-ligi;

Illi konsegwentment, filwaqt li ghar-ragunijiet fuq esposti tirrespingi r-risposti kollha tas-socjeta` intimata, takkolji t-talbiet tal-korporazzjoni rikorrenti u konsegwentement:

**DECIDE:**

1. Tiddeciedi u tiddikjara li s-socjeta` intimata Halfar Auto Manufacturing Limited ghandha taghti lil Malta Enterprise Corporation l-ammont ta' mitejn u hamsin elf Lira Maltin, (LM250,000.00), ekwivalenti ghal hames mija u tnejn u tmenin elf, tlett mija u tlieta u erbghin Ewro u erbgha u tletin centezmu, (€582,343.34), *ai termini* tal-kuntratt datat it-22 ta' Gunju, 2004;

2. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata ndikata fil-paragrafu precedenti biex thallas lill-korporazzjoni rikorrenti *de quo* s-somma hekk likwidata;

3. Bl-ispejjez kif mitluba mill-istess korporazzjoni rikorrenti fir-rikors guramentat promotur taghha u bl-interess skont il-ligi mill-4 ta' Gunju, 2007, sad-data tal-effettiv pagament.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------